Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,730, 9 ta' Mejju, 1980

Taqsima B

A.L. 48 ta' l-1980

ORDINANZA DWAR IL-PROVVISTA TA' L-ILMA (KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar il-Provvista ta' l-Ilma, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Fornitura ta' l-Ilma, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 133 ta' l-1948

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(b) ilma mhux tajjeb għax-xorb,

(i) għal għanijiet agrikoli, bir-rata uniformi ta' 25c kull $1m^3$; u

(ii) għall-bini jew għal għanijiet oħra, bir-rata uniformi ta' 40c kull $1m^3$.".